# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 37

**It-Tlieta, 25 ta' Mejju, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fil-binja tal-iskola Primarja, ġewwa Birżebbuġa, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar. Ġie nnotat ukoll li kien hemm 'l fuq 50 persuna li kienu qegħdin issegwu l-ħin kollu tal-laqgħa, permezz tal-paġna tal-facebook, filwaqt li x-xandira laħqet l-1,500 ruħ.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku: (ħames persuni)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sa Doriana Portelli (DP) Kunsillier

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Farrugia, ippresjeda l-laqgħa

## 37.01 Indirizz ta' merħba mis-Sur Sindku

Is-Sur Sindku beda billi rringrazzja kemm lis-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll lill-kunsilliera, tax-xogħol iddedikat, li jwettqu ġewwa l-Kunsill. Madankollu, ma setax ma jurix id-diżappunt tiegħu li ġewwa l-lokalità ta' Birżebbuġa, joqogħdu 'l fuq minn 14,000 resident, u preżenti għal din il-laqgħa, kulma attendew, kienu ħames persuni. Huwa stqarr li l-Kunsill qiegħed hemm biex jaqdi u mhux biex jiġi moqdi, filwaqt li meta ma jkunx jista' jaqdi minħabba li ma jkunx fil-kompitù tal-Kunsill, ma jħossux komdu. Is-Sindku tkellem ukoll, kif qabel ma jinbdew proġetti ġodda, ikun għaqli li l-ewwel jagħti l-ħajja permezz ta' manutenzjoni lil dak li diġà għandna, imbagħad inwettqu proġetti ġodda. Fuq il-problema tal-Freeport, il-Freeport diġà kkollaborat permezz tad-dawl, art, trakkijiet u l-iskema tad-double glazing. Huwa kompla jtenni li Birżebbuġa hija lokalità industrijali, madankollu jixraq li l-isbuħija tagħha nżommuh u nsebbħuħ kemm nistgħu.

## 37.02 Rapport ta' ħidma tal-Kunsill għas-sena 2020

37.02.01 Qabel mal-viċi Sindku beda jaqra r-rapport annwali, ir-ringrazzja lil sħabu l-kunsilliera, li dakinhar għalqu sentejn minn mindu ġew eletti u beda jiffunzjona dan il-Kunsill. Huwa stqarr li s-sena l-oħra kienet sena ibsa għal kulħadd, inkluż il-Kunsill. Il-COVID-19, ġabet sfidi kbar u restrizzjonijiet. Madankollu, ma jistax ma jirringrazzjax ukoll lil Malta Trust Foundation għal proġetti Youth Safe, kif ukoll il-Food Banks.

37.02.02 Il-viċi Sindku qara r-rapport annwali, li kien ġie approvat, waqt is-seduta (35), skedata l-4 ta' Mejju, 2021. Kopja ta' dan il-qari, tinsab annessa u mmarkata bħala 'Dok A'. Waqt il-qari, il-viċi ħeġġeġ ukoll lir-residenti, sabiex jagħmlu użu minn diversi korsijiet li joffri l-Kunsill, permezz tal-iskema 'Life Long Learning', b' mod speċjali, korsijiet relatati mal-lingwi.

## 37.03 Rapport finanzjarju għas-sena 2020

37.03.01 Preżenti għal din il-laqgħa, kien hemm ukoll l-accountant tal-Kunsill, li tat summary tar-rendikont annwali. Kopja ta' dan ir-rendikont, qed tiġi annessa u mmarkata bħala 'Dok B'.

## 37.04 Interventi mill-pubbliku ġenerali

37.04.01 Resident (A), filwaqt li faħħret il-Kunsill għal ħidma tiegħu, però stqarret ukoll li hemm issues li l-aktar in-nies qed titkellem fuqhom. Dawn huma temi, relatati mal-ambjent, bħal sound and air pollution.

37.04.02  Resident (B) tkellmet fuq il-problema tal-Freeport.  Hija wriet it-tħassib tagħha fuq terminal 1, li huwa l-aktar terminal fil-viċinanzi tar-residenti, fuq il-bunkering li huwa ta' periklu kemm għar-residenti, kif ukoll għall-għawwiema, fuq il-bagi, li għalkemm mhumiex swimming zones, in-nies xorta waħda qegħdin jgħuma.  Talbet ukoll aġġornament fuq il-permess tal-Bern propost, li taqbel li jsir, kif ukoll staqsiet jekk hemmx propost li jsir winch, bħal ta' San Ġorġ.

37.04.03  Resident (Ċ) tkellmet ukoll fuq il-bunkering, li jibda jsir minn xħin jidħol il-vapur u jittrakka ma' Terminal 1, li bosta drabi jibda s-servizz mid-disgħa ta' filgħaxija u jibqa' sejjer sa kmieni filgħodu.  Tkellmet ukoll fuq il-generator, id-dawl, kif ukoll id-duħħan.  Żvelat ukoll, f' dan l-aħħar sentejn, kienu twaħħlu żewġ LEDs li qed jaqleb lejn ir-residenti.  Dawn qed isservu ta' skomdità lir-residenti tal-viċinanzi.

37.04.04  Resident (Ċ) tkellmet ukoll fuq l-issue tal-caravans u l-Bye-Law.

37.04.05  Resident (D) tkellem fuq is-servizz tal-karozza tal-linja numru (210) u l-bus shelter, ġewwa l-Qajjenza.

37.04.06  Resident (D) tkellem ukoll fuq il-ħasil tal-bankini.

<u>Tweġibiet mill-kunsilliera għad-domandi mressqa mir-residenti preżenti</u>

<u>Viċi Sindku:</u>  Il-viċi esprima s-sodisfazzjon kollu lejn l-interess żagħżugħ u bil-parteċipazzjoni tagħhom. L-għan tal-Kunsill hu li nkunu metalità, li għalkemm aħna żona industrijali, iżda mhux kulħadd jitfa' kollox fil-lokalità tagħna.  Social Corporate Responsibilities, hemm bżonn li jiżdiedu.  Naqbel li l-Kunsill għandu jkollu stand u jkollu versjoni ċara.

<u>Is-Sindku</u>:  Is-Sindku tkellem kif fil-bidu li nħoloq il-Kunsill, kien ikollhom ħafna laqgħat relatati mal-baħar.  Huwa spjega kif il-baħar ġewwa Birżebbuġa, huwa perikoluż, minħabba ż-żingu tal-bastimenti.  Fit-taqsima tal-bunkering, hemm l-uffiċċju tal-Malta Maritime, iżda l-bunkering xorta jibqa' għaddej.

<u>Il-kunsillier Caruana</u>:  Il-winch għall-islipway f' Wied il-Buni, huwa l-uniku wieħed li hawn għas-Sailing Club, imma nistgħu nkellmu s-sezzjoni Marittima, biex naraw fejn jista' jsir winch ieħor.

Fuq is-servizz tal-karozza tal-linja (210), l-uffiċċju kiteb bosta drabi lil MPT, iżda dejjem baqgħu jsostnu l-istess skuża, li r-residenti mhumiex qed jagħmlu użu minna.

Fuq il-bus shelters, kien hemm kumpanija privata, filwaqt li l-MPT kellhom mudell mod ieħor. Madankollu, il-Kunsill Lokali għandu ħames talbiet, biex jiġu installati dawn il-bus shelters:

- Wieħed faċċata ta' Għar Dalam
- Tnejn fil-Qajjenza, in-naħa tal-promenad
- Wieħed fil-Bajja s-Sabiħa

Fuq it-talba li jiżdied is-servizz fuq ir-rotta (85) u (82), hemm rotta differenti, iżda fil-preżent hemm bżonn li jsir xi żvilupp, minħabba li hemm daqsxejn ta' problema biex il-karozza tal-linja d-dawwar fiż-żona tal-Port Ħieles.

## 37.05 Għeluq tal-laqgħa

37.05.01 Il-Kunsill irimarka li ttieħdet nota tas-suġġerimenti riċevuti, u li ser ikunu kkunsidrati mill-istess Kunsill.

37.05.02 Is-Sindku rringrazzja lill-pubbliku preżenti, talli għoġbohom jattendu u jipparteċipaw.

37.05.03 Il-viċi xtaq ukoll li jirringrazzja lil dawk il-kumpaniji li għenu waqt il-pandemija u ħadmu b' mod voluntarju.

37.05.04 Il-viċi esprima ruħu billi qal li l-għan tal-Kunsill Lokali hu, li flimkien nilħqu l-mira tagħna, jekk iż-żgħażagħ jibqgħu jgħixu ġewwa Birżebbuġa.

37.05.05 Din il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

______________________________

Joseph Farrugia
Sindku

**IFFIRMATA**

___________________________

Rosalie Mintoff
Segretarju Eżekuttiv